# Il-Ħidma ta' l-Iskultur Ġanni Bonnici f'Ħal Qormi

minn **Hermann Bonnici**

Mill-bieb imbexxaq ta' l-istudju tiegħu, rajt lil Ġanni Bonnici mhedi fi ħsibijietu, joħloq u jikkrea, b'quddiemu figura tat-tafal tiegħu l-ħajja. Il-lejl kien daħal ġmielu, iżda l-entużjażmu, rifless fl-għajnejn ċari jleqqu ta' l-iskultur u l-ħeffa ta' subgħajh jimmudellaw it-tafal plastiku, nessa lill-artist minn kull forma ta' għejja fiżika. Dħalt ħdejh. L-artist kien mitluf fil-ħsibijiet, ikkonċentrat fuq xogħlu, b'subgħajh ħoxnin u ħorox minn snin twal ta' esperjenza, jagħti l-ħajja lit-tafal morbidu, griż u biered.

Hemm quddiemi sibt tiegħu l-forma, statwa monumentali tal-Gran Mastru Pinto. Ħsibijieti mill-ewwel taru fuq il-belt ta' Ħal Qormi, u r-rabtiet sodi li l-iskultur Bonnici sawwar ma' din il-komunità permezz tad-diversi xogħlijiet artistiċi tiegħu.



*Friż fil-Knisja Parrokkjali. Disinn ta' Ġanni Bonnici.*

Bla dubju ta' xejn, illum, Ġanni Bonnici jispikka bħala l-esponent ewlieni ta' l-arti viżiva fix-xena artistika lokali ta' dan is-seklu. Huwa skultur kreattiv li jispira ruħu mill-esperjenzi ta' tfulitu u r-relazzjoni tiegħu ma' l-istorja u r-realtà. Huwa kontinwament preokkupat bix-xewqa li l-opri tiegħu jesprimu l-verità, fejn il-ħsibijiet ġewwiena huma riflessi fil-forma ta' l-opri tiegħu. Għaldaqstant jgħaddi ħinijiet twal jesperimenta il-kompożizzjonijiet tiegħu, u bi stamina kbira, jistudja l-ilbies u n-nisġa tal-materjal.



*Kurċifiss fil-Knisja Parrokkjali... xogħol l-artist Ġanni Bonnici*

Dan żgur ħadd ma jista' jinnegah, lanqas fl-iktar kontribut riċenti tiegħu lill-belt ta' Ħal Qormi; il-monument sublimi lill-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca. Fil-figura ta' Bonnici toħroġ id-dinjità ta' dan il-persunaġġ hekk importanti għall-istorja tal-gżejjer Maltin. Il-figura ta' Bonnici hi b'saħħitha, ekwilibrata u massiva, u fuq kollox toħroġ il-karattru sod u determinat ta' dan il-persunaġġ. Bonnici jippersonifika lil Pinto fl-aqwa tiegħu, b'idu x-xellugija tilqa' lill-popolazzjoni fil-belt imsemmija għalih, filwaqt li f'idu l-leminija jżomm l-insigna li biha għolla r-raħal ta' Ħal Qormi għal titlu ta' belt. Bonnici għaraf jisfrutta dan il-mument biex joħloq kompożizzjoni dinamika li tinforza l-monumentalità ta' dan ix-xogħol. L-iskultur ippreżenta lill-Gran Mastru fir-regalja kompleta tiegħu bl-anatomija robusta tiegħu tinħass id-drapp tqil tal-mant twil. Fl-interpretazzjoni tat-tessuti diversi, Bonnici wera l-maestranza tiegħu fit-trattament tal-materjali. Tispikka sew id-differenza bejn il-mant, tqil u oħxon meħjut mill-ġlud ta' l-annimali, u s-satin illamtat. Madankollu, l-iskultur, b'intelliġenza, evita milli jwaqqa' x-xogħol tiegħu f'wieħed kummerċjali bi ftit valur artistiku. Fit-trattament tas-suġġett, l-iskultur assimila dak li hu familjari għalih, ta l-ħajja lill-materjali tiegħu biex ħoloq figura umana, enerġetika u dinjituża.

Ġanni Bonnici huwa artist responsabbli. B'mod għaqli janalizza l-esperjenzi ta' madwaru, jagħraf il-limitazzjonijiet u l-potenzjal, u bla ma jaħrab mill-istil tiegħu, jitwaħħad ma' l-ambjent li għalih ikun ħoloq l-opri tiegħu.

L-ewwel xogħlijiet ta' Bonnici għal Ħal Qormi, sewwa sew għall-knisja ta' San Bastjan, imorru lura għall-bidu tas-snin tmenin. F'dan iż-żmien, il-knisja, mibnija fuq stil Romanesk, kienet għadha f'fażi ta' kostruzzjoni, u dan għen biex Bonnici seta' joħloq l-opri artistiċi tiegħu b'armonija artistika ma' l-arkitettura ta' dan it-tempju billi jżomm stil sempliċi ta' arti reliġjuża figurattiva mħallta ma' idjomi astratti bi stil kontemporanju. Wieħed mill-ewwel xogħlijiet għal dan il-maqdes kien it-tabernaklu. Dan, Bonnici fasslu f'idjoma astratta, b'linji movimentati rappreżentattivi ta' tliet ilsna tan-nar ħajjin, li bħal fl-offerta ta' Abel, fit-Testment il-Qadim, jitilgħu 'l fuq lejn il-Ħallieq. Ir-rappreżentazzjoni tan-numru tlieta hija waħda ta' importanza kbira għall-iskultur Bonnici. Minbarra s-sinifikat filosofiku tiegħu bħala numru mistiku u divin, bażi ta' kull proporzjon estetiku bbilanċjat, dan in-numru huwa mwaħħad mal-messaġġ tat-Trinità Mqaddsa, il-qofol tat-twemmin nisrani. Kumplimentari għal din il-kompożizzjoni, insibu t-tabernaklu taż-żejt u l-balzmu, li b'linji dinamiċi jagħti messaġġ ta' reliġjożità profonda. Id-dekorazzjoni tal-kappella tas-sagrament, li fiha nsibu dawn iż-żewġ opri ta' l-arti fil-bronż, fuq sfond ta' rħam aħmar u drapp ta' kulur ċar, mdawwla b'mod sottili mis-suffett sempliċi, tkompli tgħin biex tinħoloq atmosfera ta' ġabra u ta' meditazzjoni.

Il-figura ta' Kristu msallab immudellata b'anatomija korretta, mifnija bit-tbatija iżda dinjituża, tiddomina l-presbiterju hekk spazzjuż ta' din il-knisja. Bonnici ma ntilifx fi drammatiċità u ġmiel artifiċjali, iżda ħareġ espressjoni ta' bniedem li minkejja t-tbatija, huwa rebbieħ. Id-dinjità ta' din il-figura tkompli tispikka fuq l-isfond ta' l-irħam abjad tal-prospettiva, b'disinn astratt kumplimentari max-xogħlijiet l-oħra. Iċ-ċentru ta' attrazzjoni ta' dan id-disinn qiegħed fuq is-salib li jiddomina l-kompożizzjoni billi jwaqqa' dellijiet suġġestivi fuq riljievi ta' linji tempestużi. Dan kollu fi sfond ta' dija qawwija li ġejja mill-univers.

Kumplimentari għal din l-prospettiva, l-altar jieħu forma ta' blata sempliċi imma dinamika li minnha joħorġu, b'mod sempliċi, id-dielja u ż-żbul tal-qamħ, it-tnejn simboli ta' l-Ewkaristija. Ma' dan, l-ambone, b'disinn oriġinali u rivoluzzjonarju, ikompli jwassal il-messaġġ qawwi tal-kelma ta' Alla. Id-disinn ta' l-ambone jikkomplimenta dak ta' l-altar, u jisporġi ħaj bis-simboli

ta' l-erba' evanġelisti. Komplimentari għal dawn insibu l-fonti tal-magħmudija. Bejniethom, dawn l-erba' opri fl-irħam u l-bronż joħolqu armonija artistika u reliġjuża, u hija ħasra li ma' dawn ma komplewx jingħaqdu s-sedji li l-buzzetti għalihom kienu ġew ippreparati mill-istess artist.

Minkejja l-wisa' limitata tal-pilastri, l-iskultur fassal sett tal-Via Sagra bi proporzjon ta' figuri mdaqqsin xierqa mal-kobor tal-knisja. Kull stazzjon huwa kompost minn tnejn jew tliet figuri, li b'sensibilità kbira jwasslu messaġġ viżwali ċar ta' l-istorja tal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. L-artist ħadem fuq kompożizzjoni vertikali, u ħoloq żewġ livelli ta' importanza. Bonnici poġġa l-figura ta' Kristu fuq il-livell l-aktar għoli, biex b'hekk ix-xbiha ta' Kristu tieħu l-attrazzjoni tal-protagonista. Il-mudellatura tal-figuri hija msawra b'dettalji u espressjonijiet artistiċi. F'kull stazzjon, is-salib jintiseġ mal-figura ta' Kristu, u bħala simbolu tal-Kristjaneżmu jsir il-protagonist.


*Dettal tad-disinji fuq il-mant tal-vara titulari.*

L-iskultur Ġanni Bonnici ħoloq ukoll id-disinji oriġinali tal-freġju ornamentali li jdur madwar il-knisja kollha. Id-disinji huma varjati, kollha fi stil Romanesk, komplimentari għall-istil arkitettoniku tal-knisja. L-ornati huma komposti minn ingredjenti artistiċi, minsuġa f'moviment sinkronizzat li jgħaqqad il-panewijiet flimkien. Il-kompożizzjoni astratta tas-slaleb tal-Konsagrazzjoni, imsawra fil-bronż, opra wkoll ta' l-istess Bonnici jgħaqqdu b'mod viżiv dawn l-ornati mal-figuri tal-Via Sagra.

Xogħlijiet oħra msawra minn idejn l-istess skultur għall-knisja ta' San Bastjan, jinkludu d-disinji għall-induratura ta' l-istatwa titolari ta' San Bastjan. Dawn huma mnebbħa mill-możajċi, pavimenti, u affreski Romani

ta' l-epoka li b'ħila l-artist għaraf isawwarhom artistikament għat-tiżjin tat-tessuti ta' l-uniformi tas-suldat Ruman li l-fidi tiegħu tagħtu jgawdi l-glorja tal-qaddisin. Dawn id-disinji huma dehen għall-istatwa artistika skolpita b'maestrija mill-artist George Borg, li għal disa' snin kien l-għalliem ta' l-istess Ġanni Bonnici.

Fi skala ferm iżgħar, iżda b'karatteristiċi artistiċi mill-aqwa, Bonnici kien responsabbli wkoll għad-disinn u modellatura tal-midalji kommemorattivi f'għeluq il-ħamsin sena parroċċa ta' San Bastjan. Din il-midalja turi, fuq naħa, lill-knisja parrokkjali ta' San Bastjan, imnaqqxa b'dettalji deċiżi u fini, filwaqt li n-naħa l-oħra turi l-istatwa l-qadima ta' San Bastjan fuq sfond tax-xemx tielgħa mill-orizzont, rappreżentattiva tal-ħolqien tal-parroċċa l-ġdida.

Minkejja d-diversità tax-xogħlijiet, kemm fil-qies, sinifikat u materjal, Bonnici żamm konsistenza fl-espressjoni tiegħu. Fl-ebda mument ma ntilef f'tlellix żejjed li jrendi x-xogħlijiet artistiċi tiegħu kummerċjali bi ftit valur artistiku, iżda, b'għaqal, esperjenza, u kapaċità sawwar l-opri tiegħu biex ikunu sinkronizzati f'armonija paċifika waħda bejniethom u ma' l-arkitettura tal-knisja parrokkjali ta' San Bastjan.


